31996R0267

L 36/2 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 14.2.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI

(KE) Nru 267/96

tat-13 ta' Frar 1996 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3149/92 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-provvista ta' ikel minn ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju ta' l-aktar persuni mċaħħda fil-Komunità

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għotja ta' ikel minn ħażniet ta' intervent lill-organizzazzjonijiet maħtura għad-distribuzzjoni lill-aktar persuni mċaħħda fil-Komunità [1], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi, biex ikunu jistgħu jiġu ttratatti sitwazzjonijiet li fihom prodotti bażiċi jkunu temporanjament mhux disponibbli f'ħażniet ta' intervent fiż-żmien ta' adozzjoni ta' pjan annwali jew matul l-implimentazzjoni tiegħu, l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3730/87, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95, jipprovdi li prodotti konċernati jistgħu jkunu mobilizzati fis-suq tal-Komunità, għalkemm taħt kondizzjonijiet li ma jikkuntrastawx mal-prinċipju ta' provvista minn ħażniet ta' intervent biss; billi r-regoli ta' din il-mobilitazzjoni għandhom ikunu ffissati u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2826/93 [4], għandu għalhekk ikun emendat, waqt li jinkorpora l-aġġustamenti tekniċi li saru neċessarji fid-dawl ta' l-esperjenza;

Billi, biex ikun hemm konformità mal-prinċipju li għandha tingħata prijorità lil ħażniet ta' intervent waqt il-mobilitazzjoni ta' prodotti biex jissupplixxu l-aktar persuni mċaħħda fil-Komunità, għandha tkun żgurata l-aħjar distribuzzjoni ta' ħażniet pubbliċi eżistenti bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema meta l-pjan ikun adottat u ħidmiet ta' trasferiment ġewwa l-Komunità magħmula neċessarja minn nuqqas ta' disponibbilità tal-prodotti mitluba fi Stat Membri wieħed jew aktar għandhom ikunu ko-ordinati; billi, għall-iskopijiet li jkun applikat l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi fuq, l-ogħla limitu ta' kwantità minima għandu jkun iffissat wkoll li taħtu, għal raġunijiet ta' amministrazzjoni ekonomika tajba, ma jistgħux ikunu implimentati trasferimenti ġewwa l-Komunità;

Billi, biex titħalla amministrazzjoni għaqlija ta' l-iskema u biex tkun organizzata l-implimentazzjoni tal-pjan annwali tal-Komunità, jkun xieraq, l-ewwelnett, li jkun stabbilit meta se jkun adottat dak il-pjan, li għalih l-indisponibilità temporanja ta' prodotti tiġġustifika l-mobilitazzjoni fuq is-suq ta' l-istess prodott jew prodott fl-istess kategorija, u t-tieni nett biex jiffissa l-allokazzjoni finanzjarja li għandha tkun magħmula disponibbli lill-Istati Membri għal dan il-għan; billi, biex ikunu sodisfatti l-għanijiet imsemmija fuq, dik l-allokazzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet mdaħħla mill-Istat Membru għall-pjan annwali, il-kwantitajiet tal-prodotti mhux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent u l-allokazzjonijiet magħmula matul is-snin finanzjarji ta' qabel u l-użu effettiv tagħhom;

Billi, bl-istess għan li tingħata prijorità għall-użu ta' ħażniet ta' intervent, għandu jkun preskritt li provvisti li jużaw prodotti li għandhom jingħabru minn dawk il-ħażniet għandhom ikunu allokati qabel ma jibdew ħidmiet għal mobilitazzjoni ta' prodotti ta' l-istess kategorija fis-suq tal-Komunità;

Billi għandhom jinkisbu l-aħjar kondizzjonijiet biex jitwettqu t-tipi differenti ta' provista u għandu jkun speċifikat li sejħa għall-offerti għandhom ikunu ppubblikati biex jiżguraw li l-ħaddiema kollha stabbiliti fil-Komunità jkollhom aċċess ugwali;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi kollha konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KEE) Nru 3149/92 hu emendat kif segwit:

1. L-Artikolu 2(1) hu mibdul b'li ġej:

"1. Qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tadotta pjan annwali għat-tqassim ta' ikel għall-benefiċċju ta' l-aktar persuni mċaħħda, mqassam skond l-Istat Membru konċernat. Għall-għanijiet li jkunu allokati r-riżorsi bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħti każ ta' l-aħjar stimi tan-numru ta' l-aktar persuni mċaħħda fl-Istati Membri konċernati. Għandha tagħti każ ukoll ta' kif twettqu l-ħidmiet u l-użu li għalihom tpoġġew riżorsi matul is-snin finanzjarji ta' qabel, fuq il-bażi b'mod partikolari tar-rapporti provduti fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament."

[1] ĠU L 352, tal-15.12.1987, p. 1.
[2] ĠU L 260, tal-31.10.1995, p. 3.
[3] ĠU L 313, tat-30.10.1992, p. 50.
[4] ĠU L 258, tas-16.10.1993, p. 11.

2. L-Artikolu 2(3) hu mibdul b'li ġej:

"3. Il-pjan għandu jinkludi b'mod partikolari:

1. għal kull wieħed mill-Istati Membri li japplika l-miżura, li ġej:

(a) l-ogħla numru ta' riżorsi finanzjarji disponibbli biex iwettaq il-parti tiegħu tal-pjan;

(b) il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandu jkun irtirat mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' intervent;

(ċ) l-għotja magħmula disponibbli għal kull prodott għax-xiri fis-suq tal-Komunità meta l-prodott konċernat jinstab li jkun temporanjament mhux disponibbli fil-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' intervent meta jkun adottat il-pjan annwali.

Din l-għotja għandha tkun stabbilita għal kull prodott waqt li jingħata każ l-ewwelnett, tal-kwalita murija fin-notifikazzjoni ta' l-Istat Membru li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1(2), u t-tieninett tal-kwantitajiet mhux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent u t-tieletnett tal-prodotti li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom u allokati matul is-snin finanzjarji ta' qabel u l-użu tabilħaqq li jkun sar minnhom.

Din l-għotja għandha tkun imfissra f'ecus waqt li jintuża l-valur tal-kontijiet tal-prodotti mhux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent stabbiliti bi qbil ma' l-Artikolu 5(1);

(d) fejn ikun adattat, permess għal xiri fis-suq tal-Komunità ta' prodott wieħed jew aktar, mhux disponibbli mill-Istat Membru minn fejn huma miksuba, fejn it-trasferiment ġewwa l-Komunità neċessarju biex jitwettaq il-pjan f'dak l-Istat Membru jkun fir-rigward ta' kwantità ta' 60 tunnellata jew inqas għal kull prodott mhux disponibbli.

L-għotja għandha titfisser f'ecus waqt li jintuża l-valur tal-kontijiet tal-prodotti konċernati stabbiliti skond l-Artikolu 5(1);

2. il-voti meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż ta' trasferiment ġewwa l-Komunità tal-prodotti ta' intervent miżmuma minn aġenzija ta' intervent fi Stat Membru minbarra dak fejn il-prodott hu meħtieġ."

3. L-Artikolu 3 hu mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 3

1. L-implimentazzjoni tal-pjan għandha tibda mill-1 ta' Ottubru sa t-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. L-irtirar tal-prodotti mill-ħażniet ta' intervent għandu jseħħ mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Awissu tas-sena ta' wara.

2. Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull tibdila li jagħmlu għall-implimentazzjoni tal-pjan li fit-territorju tagħhom fil-limiti stretti tal-finanzjament disponibbli għalihom. In-notifikazzjoni għandha tkun akkompanjata bl-informazzjoni kollha adattata. Fejn bidliet issostanzjati jikkonċernaw 5 % jew aktar tal-kwantitajiet jew valuri mdaħħla għal kull prodott fil-pjan ta' distribuzzjoni tal-Komunità, il-pjan għandu jkun rivedut.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni immedjatament bi tnaqqis mbassar fin-nefqa malli jkun applikat il-pjan. Il-Kummissjoni tista' talloka r-riżorsi mhux użati għal Stati Membri oħra fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet tagħhom u l-użu tabilħaqq tagħhom ta' prodotti magħmula disponibbli u allokazzjonijiet magħmula matul is-snin finanzjarji ta' qabel."

4. L-Artikolu 4 hu mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 4

1. L-implimentazzjoni tal-pjan għandha tinvolvi:

(a) il-provvista ta' prodotti rtirati minn ħażniet ta' intervent;

(b) il-provvista ta' prodotti mobilitati fis-suq tal-Komunità fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(3)(ċ) u (d).

Il-prodott mobilitat fis-suq għandu jappartjeni għall-istess grupp ta' prodotti bħall-prodott temporanjament mhux disponibbli f'ħażniet ta' intervent.

Iżda, fejn ċanga u vitella ma jkunux disponibbli f'ħażniet ta' intervent, kull prodott tal-laħam jista' jkun mobillizzat fis-suq. F'dawn il-każijiet il-prodott tal-laħam għandu jikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-piż nett tal-ikel provdut lill-aktar persuni mċaħħda.

Prodott partikolari jista' jkun biss mobilitat fis-suq jekk il-kwantitajiet kollha ta' prodott fl-istess grupp ikunu rtirati minn ħażniet ta' intervent għal għanijiet biex jitqassmu f'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(3)(1) (b), li jinkludu kwantitajiet li għandhom ikunu ttrasferiti f'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7, kienu ġew diġa allokati. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-ftuħ ta' proċeduri ta' mobilitazzjoni tas-suq.

2. Fejn il-provvista jkollha x'taqsam ma':

(a) prodotti miġbura minn ħażniet ta' intervent, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha toħroġ jew tirranġa li jiħarġu stedina għall-offertabiex tistabbilixxi l-aktar kondizzjonijiet vantaġġjużi ta' provista. L-istedina għall-offerta għandha tispeċifika preċiżament in-natura u karatteristiċi tal-prodott li għandu jkun provdut.

L-istedina għall-offerta għandha tikkonċerna:

— l-ispejjeż għal proċessar u/jew pakkettjar tal-prodotti li jkunu ġejjin minn ħażniet ta' intervent,

— jew il-kwantità ta' prodotti jew ta' affarijiet ta' ikel ipproċċessati jew, fejn ikun xieraq, prodotti agrikoli jew ta' affarijiet ta' ikel ippakkjatili jistgħu jinkisbu bl-użu ta' prodotti minn ħażniet ta' intervent provduti bi ħlas għal tali prodotti,

— jew il-kwantità ta' prodotti jew affarijiet ta' ikel agrikoli pproċessati disponibbli jew li jistgħu jinkisbu fis-suq billi jkunu pprovduti għal prodotti bi ħlas li jappartjenu għall-istess grupp ta' prodotti minn ħażniet ta' intervent.

Fejn il-provvista tinvolvi l-ipproċessar u/jew ppakkettjar tal-prodott, l-istedina għall-offerta għandha tirreferi għall-obbligu minn dak li rnexxielu jieħu t-tender li jpoġġi garanzija għall-benefiċċju ta' l-aġenzija ta' intervent skond it-Titolu III ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 (*) għal ammont ugwali għall-prezz ta' intervent applikabbli dik il-ġurnata ffissata biex jittieħed dak il-prodott b'żjieda ta' 10 % ta' dak il-prezz. Għall-applikazzjoni tat- Titolu V ta' dak ir-Regolament, il-kondizzjoni prinċipali tkun dik li l-prodott għandu jkun provdut għad-destinazzjoni preskritta; dan is-subparagrafu ma japplikax fejn il-prodott irtirat minn ħażniet ta' intervent ikun magħmul disponibbli għall-kuntrattur li jissupplixxi bħala ħlas għal provvista li tkun diġa saret;

(b) prodotti agrikoli jew affarijiet ta' l-ikel li għandhom ikunu mobilitati fis-suq tal-Komunità, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha toħroġ stedina għall-offerta biex tistabbilixxi l-aktar kondizzjonijiet vantaġġjużi ta' provvista. L-istedina għall-offerta għandha tispeċifika preċiżament in-natura u karatteristiċi tal-prodott jew affarijiet ta' l-ikel li għandhom ikunu mobilitati, speċifikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ippakkjar u l-immarkar u l-obbligazzjonijiet oħra assoċjati mal-provvista.

L-istedina għall-offerta għandha tirrigwarda l-ispejjeż tal-provvista kollha u għandha ssejjaħ għat-tfigħ ta' offerti li jkollhom x'jaqsmu, skond il-każ, ma':

— il-kwantità massima ta' prodotti u affarijiet ta' l-ikel li għandhom ikunu mobilitati fis-suq għal ammont monetarju ffissat fl-avviż,

— jew l-ammont monetarju meħtieġ biex tkun mobilitata kwantità ffissata fl-avviż.

3. L-ispejjeż ta' trasport għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' offerta. Stati Membri jistgħu jispeċifikaw li l-provvista għandha tinkludi wkoll it-trasport ta' prodotti għad-depowta' l-organizzazzjoni karitattevoli. F'dawn il-każijiet it-trasport għandu jkun suġġett għal dispożizzjoni speċifika fl-istedina għall-offerta u għandu jikkostitwixxi punt partikolari fl-offerta imdaħħal.

Offerti li għandhom x'jaqsmu ma' trasport għandhom jiddaħħlu f'ammonti monetarji.

Il-ħlas ta' spejjeż ta' trasport m'għandu fl-ebda każ isir bi prodotti.

4. Stedin għall-offerta għandu jiggarantixxi aċċess ugwali għall-haddiema kollha stabbiliti fil-Komunità. Għal dan il-għan għandhom ikunu s-suġġett ta' avviżi ppubblikati f'pubblikazzjonijiet amministrattivi uffiċjali kif ukoll ikunu magħmula disponibbli f'forma sħiħa fuq talba tal-haddiema interessati.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fil-ħin dovut u qabel ma jibda l-perjodu ta' implimentazzjoni l-abbozzi ta' l-istedin għall-offerti użati biex jallokaw tipi differenti ta' provvisiti minn ħażniet ta' intervent u mobilitazzjoni fis-suq

(*) ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.".

5. L-Artikolu 6(1) hu mibdul b'li ġej:

"1. Fuq applikazzjoni ssostanzjata bix-xieraq lill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru, l-organizzazzjonijiet karitattevoli nnominati biex jiddistribwixxu l-prodotti għandhom jingħataw il-flus lura fuq il-bażi tar-rati indikati fl-Anness II għal spejjeż ta' trasport fuq it-territorju ta' l-Istat Membru bejn id-depows ta' ħżin ta' l-organizzazzjonijiet karitattevoli u l-postijiet għat-tqassim lil benefiċarji."

6. L-aħħar sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) hi mibdula b'li ġej:

"Il-ħidmiet ta' trasferiment għandhom ikunu awtorizzati skond il-proċedura li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3730/87."

7. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) hu mibdul b'li ġej:

"L-Istat Membru li japplika għal u li jirċievi l-prodott għandu jippubblika jew ikun ippubblika stedina għall-offerta biex jistabbilixxi l-aktar kondizzjonijiet favorevoli ta' tqassim. L-ispejjeż ta' trasport ġewwa l-Komunità għandu jkun suġġett għall-offerta mdaħħal fl-ammonti ta' flus u ma jistgħax jitħallas fi prodotti. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(4) għandhom japplikaw fil-kuntest ta' din l-istedina għall-offerta."

8. L-ewwel inċiż fl-Artikolu 9 hu mibdul b'li ġej:
" - il-prodotti ta' intervent, u, fejn ikun xieraq, permessi għal mobilitazzjoni fis-suq, jiġu mqegħda għall-użu u jservu l-għanijiet preskritti fl-Artikolu 1 ta' Regolament (KEE) Nru 3730/87".

9. Is-sentenza li ġejja hi miżjuda ma' l-Artikolu 10:
"Ir-rapport għandu jkun ikkunsidrat bħala fattur deċisiv meta jitfasslu pjanijiet annwali sussegwenti."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara li jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot flitier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni